SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

4 ta' Frar 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizz pubbliku – Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 11 tal-Anness VIII – Uffiċjali u membri tal-persunal temporanju li jintegraw mill-ġdid l-amministrazzjoni nazzjonali oriġinali tagħhom wara perijodu ta' disponibbiltà u l-eżerċizzju ta' dmirijiet f'istituzzjoni tal-Unjoni"

Fil-Kawża C-903/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Diċembru 2019, fil-proċedura

DQ

vs

Ministre de la Transition écologique et solidaire,

Ministre de l'Action et des Comptes publics,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Wahl, President tal-Awla, F. Biltgen (Relatur) u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Franċiż, minn A.-L. Desjonquères u N. Vincent kif ukoll minn A. Ferrand, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Mongin u M. Brauhoff, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn DQ u l-ministre de la Transition écologique et solidaire (il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u Solidari) kif ukoll il-ministre de l'Action et des Comptes publics (il-Ministru għall-Azzjoni u għall-Kontijiet Pubbliċi) dwar it-talba tiegħu intiża għat-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni tal-irtirar miksuba taħt l-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-kuntest ġuridiku

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 130, rettifika fil-ĠU L 248, 22.9.2007, p. 26, fil-ĠU L 130,17.5.2012, p. 24, fil-ĠU L 342, 14.12.2012, p. 48 u fil-ĠU L 289, 25.10.2016, p. 21), introduċa riforma tar-Regolamenti tal-Persunal. Waħda mill-innovazzjonijiet magħmula minn dan ir-regolament tikkonċerna r-regoli dwar il-portabbiltà tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar.

4 Il-premessa 32 ta' dan ir-regolament tipprovdi:

"Ir-regoli għall-għotja tal-firda għandhom ikunu emendati biex jikkunsidraw ir-regoli tal-Komunità dwar il-portabilità tad-drittijiet għall-pensjoni. Dan jista' jinkiseb billi jitranġaw numru ta' inkonsistenzi u jkunu introdotti flessibilità akbar."

5 L-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, intitolat "Skema tal-pensjoni", jipprovdi, fl-Artikolu 11 tiegħu:

"1. Uffiċjal li jitlaq mis-servizz tal-Unjoni biex:

– jidħol fis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali li kkonkludiet ftehim mal-Unjoni;

– biex isegwi attività f'kapaċità ta' impjegat jhew għal rasu, li bis-saħħa tagħha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni taħt skema li l-korpi amministrattivi tagħha kkonkludew ftehim mal-Unjoni;

għandu jkun intitolat li jkollu l-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni ta' l-irtirar aġġornati sad-data attwali tat-trasferiment tiegħu fl-Unjoni ttrasferiti għal ġol-fond tal-pensjoni ta' dik l-organizzazzjoni jew għal ġol-fond tal-pensjoni li fiha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni ta' l-irtirar bis-saħħa ta' l-attività segwita f'kapaċità ta' impjegat jew ta' għal rasu.

2. Uffiċjal li jidħol fis-servizz tal-Unjoni wara:

– li jitlaq mis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew ta' organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali;

jew

– li jsegwi attività f'kapaċità ta' impjegat jew ta' għal rasu,

għandu jkun intitolat, wara li jkun stabbilit iżda qabel ma jsir eliġibbli għall-pagament ta' pensjoni ta' l-irtirar fis-sens ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, li ħallas lill-Unjoni l-valur kapitali, aġġornat sad-data tat-trasferimenti attwali, tad-drittijiet għall-pensjoni akkwistati bis-saħħa tat-tali servizzi jew attivitajiet.

[…]

3. Il-paragrafu 2 għandu wkoll japplika għal uffiċjal li jerġa jkun stabbilit wara perjodu ta' sekondar taħt it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 37(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal u għal uffiċjal li jerġa' jkun stabbilit wara li jiskadi perjodu ta' leave fuq raġunijiet personali taħt l-Artikolu 40 tar-Regolamenti tal-Persunal."

6 L-Artikolu 12 ta' din il-liġi huwa fformulat kif ġej:

"1. Uffiċjal li jkollu anqas mill-età pensjonabbli u li s-servizz tiegħu jintemm b'mod ieħor għajr bil-mewt jew bl-invalidità u li ma jkunx intitolat għal pensjoni immedjata jew differita tal-irtirar, ikun intitolat hekk kif jitlaq mis-servizz:

(a) meta jkun ħadem anqas minn servizz ta' sena waħda u ma jkunx għamel użu mill-arranġament ikkontemplat fl-Artikolu 11(2), għal pagament ta' għotja tal-firda li tkun daqs tliet darbiet l-ammont miżmum mis-salarju bażiku tiegħu dwar il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu, wara t-tnaqqis ta' xi ammonti mħallsa skont l-Artikoli 42 u 112 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra;

(b) f'każijiet oħra, għall-benefiċċji li hemm dispost dwarhom fl-Artikolu 11(1) jew għall-pagament tal-ekwivalenza attwarjali ta' tali benefiċċi lil kumpanija privata tal-assigurazzjoni, jew il-fond tal-pensjoni tal-għażla tiegħu, bil-kondizzjoni li dik it-tali kumpanija jew fond jiggarantixxu li:
(i) il-kapital ma jitħallasx lura;
(ii) dħul kull xahar jitħallas mill-anqas mill-età ta' 60 sena u mhux aktar tard mill-età ta' 66 sena;
(iii) ikunu inklużi dispożizzjonijiet għar-riverżjoni jew għall-pensjoni tas-superstiti;
(iv) it-trasferiment għal kumpanija oħra tal-assigurazzjoni jew għal fond ieħor ikun awtorizzat biss jekk tali fond ikun jissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fil-punti (i), (ii), u (iii).

2. Bħala ta' deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, l-uffiċjali li ma jkollhomx l-età pensjonabbli u li, wara li jkunu bdew id-dmirijiet tagħhom, sabiex ikunu stabbiliti jew jinżammu d-drittijiet għall-pensjoni, ikunu kkontribwixxew fi skema nazzjonali tal-pensjoni, skema privata tal-assigurazzjoni, jew fond tal-pensjoni tal-għażla tagħhom, li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafu 1, u li s-servizz tagħhom ikun intemm minħabba f'raġunijiet li ma jkunux il-mewt jew l-invalidità, mingħajr ma jikkwalifikaw għal pensjoni immedjata jew differita tal-irtirar, ikunu intitolati, malli jitilqu mis-servizz, għal għotja tal-firda li tkun daqs il-valur attwarjali ta' jeddijiethom għal pensjoni li jkunu akkwistaw matul is-servizz fl-istituzzjonijiet. F'dawk il-każijiet, il-pagamenti li jkunu saru sabiex ikunu stabbiliti jew jinżammu jeddijiethom għal pensjoni skont skema nazzjonali tal-pensjoni, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 42 jew tal-Artikolu 112 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra, jitnaqqsu mill-għotja tal-firda."

7 Skont l-Artikolu 39(1) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea:

"Malli jitlaq mis-servizz, ħaddiem […] għandu jkun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar, trasferiment ta' ekwivalenza attwarjali jew il-pagament ta' għotja għall-firda skond il-Kapitolu 3 tat-Titolu V […] u l-Anness VIII ta', ir-Regolamenti tal-Persunal […]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ilu membru tal-persunal titolari tas-servizz pubbliku tal-Istat Franċiż mill-1 ta' Settembru 2006 u jeżerċita l-funzjonijiet ta' tekniku superjuri tal-iżvilupp sostenibbli fid-direttorat dipartimentali tat-territorji ta' Bas-Rhin (Franza).

9 Matul il-perijodu bejn l-1 ta' April 2011 u l-31 ta' Awwissu 2013, huwa tqiegħed f'disponibbiltà għal raġunijiet personali minħabba impjieg bħala membru tal-persunal bil-kuntratt okkupat mal-Kummissjoni Ewropea.

10 Wara li ġie integrat mill-ġdid fl-amministrazzjoni oriġinali tiegħu fi tmiem dan il-perijodu ta' disponibbiltà, huwa talab it-trasferiment, lejn l-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Istat, tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni tal-irtirar miksuba fl-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni, billi invoka d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

11 Din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-10 ta' Lulju u tas-17 ta' Settembru 2014.

12 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ressaq talba għall-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet quddiem it-tribunal administratif de Strasbourg (il-Qorti Amministrattiva ta' Strasbourg, Franza), li ġiet miċħuda b'sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016.

13 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta appell fil-kassazzjoni quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), billi invoka ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn it-tribunal administratif de Strasbourg (il-Qorti Amministrattiva ta' Strasbourg) iddeċieda li l-benefiċċju tat-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar inkwistjoni huwa rriżervat biss għall-membri tal-persunal u għall-uffiċjali tal-Unjoni li huma s-suġġett ta' assenjazzjoni inizjali fi ħdan amministrazzjoni ta' Stat Membru, bl-esklużjoni ta' dawk li jirritornaw hemmhekk wara disponibbiltà għal raġunijiet personali.

14 Peress li qies li r-risposta għall-motiv imqajjem ma hijiex evidenti u li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal hija determinanti għas-soluzzjoni tal-kawża quddiemu, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-[Regolamenti tal-Persunal], huwa rriżervat biss għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal bil-kuntratt impjegati għall-ewwel darba f'amministrazzjoni nazzjonali wara li kienu impjegati bħala uffiċjal, membru tal-persunal bil-kuntratt jew membru tal-persunal temporanju f'istituzzjoni tal-Unjoni […], jew huwa miftuħ ukoll għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal bil-kuntratt li qegħdin jerġgħu lura fis-servizz ta' amministrazzjoni nazzjonali wara li eżerċitaw funzjonijiet f'istituzzjoni tal-Unjoni […] u kienu, matul dan il-perijodu, ingħataw status mhux attiv jew leave għal raġunijiet personali?"

Fuq id-domanda preliminari

15 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandux jiġi interpretat fis-sens li t-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar huwa rriżervat biss għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal bil-kuntratt li jintegraw għall-ewwel darba amministrazzjoni nazzjonali wara li jkunu ġew impjegati f'istituzzjoni tal-Unjoni jew jekk dan it-trasferiment jistax jintalab ukoll minn dawk li jirritornaw hemmhekk wara li jkunu eżerċitaw funzjonijiet f'tali istituzzjoni fil-kuntest ta' disponibbiltà jew ta' leave għal raġunijiet personali.

16 Preliminarjament, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huma applikabbli għall-membri tal-persunal bil-kuntratt, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, permezz tar-riferiment magħmul fl-Artikolu 39(1) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprevedi li, malli jitlaq mis-servizz, ħaddiem għandu jkun intitolat għal pensjoni tal-irtirar, trasferiment ta' ekwivalenza attwarjali jew il-pagament ta' għotja għall-firda skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu V u l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

17 Skont l-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kull uffiċjal jew membru tal-persunal li jieqaf mill-funzjonijiet tiegħu sabiex jidħol fis-servizz ta' amministrazzjoni jew ta' organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, jew sabiex iwettaq attività bħala impjegat jew bħala persuna li taħdem għal rasha, għandu d-dritt li jittrasferixxi l-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar miksuba mingħand l-Unjoni.

18 F'dak li jirrigwarda l-formulazzjoni tal-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jiġi osservat li t-terminu "jidħol", li s-sens abitwali tiegħu, fil-mument ta' teħid ta' pożizzjoni, jindika l-bidu tal-eżerċizzju ta' kariga jew il-bidu tagħha *ratione temporis*, ma jippermettix, waħdu, li tingħata risposta għall-kwistjoni dwar jekk dan jirreferix għad-dħul inizjali fil-kariga jew jekk dan it-terminu jinkludix ukoll id-dħul mill-ġdid fil-kariga.

19 Interpretazzjoni litterali flimkien tal-kliem tal-Artikolu 11(3) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jirreferi għall-uffiċjal li huwa "reintegrat" mal-iskadenza ta' kollokament previst fit-tieni inċiż tal-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 37 tar-Regolamenti tal-Persunal jew għall-iskadenza ta' leave għal raġunijiet personali previst fl-Artikolu 40 tagħhom, lanqas ma tippermetti li tingħata indikazzjoni f'dan ir-rigward. Fil-fatt, it-tfassil differenti tal-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 11 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jikkostitwixxi, waħdu, indikazzjoni fir-rigward tal-portata differenti tagħhom. B'ħekk, il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, li jirrigwarda l-każ partikolari tal-uffiċjal li jkun ibbenefika minn kollokament jew minn leave għal raġunijiet personali previst mir-Regolamenti tal-Persunal, jirreferi espressament għall-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu.

20 Fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lit-termini "jidħol fis-servizz ta' amministrazzjoni" li jinsabu fl-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jitfakkar li mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma jkun fiha ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat is-sens u l-portata tagħha, għandhom normalment jingħataw, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Axa Belgium, C-494/14, EU:C:2015:692, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 11 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 11 u 12 ta' dan l-anness ġew emendati bir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal imwettqa bir-Regolament Nru 723/2004. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 32 ta' dan ir-regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jemenda r-regoli dwar l-għotja għall-firda sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-portabbiltà tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar u, għal dan il-għan, jikkoreġi ċerti inkoerenzi u jintroduċi iktar flessibbiltà.

22 L-emenda ta' dawn id-dispożizzjonijiet tirrifletti r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jnaqqas in-numru ta' każijiet li fihom il-membri tal-persunal li ma għandhomx dritt għal pensjoni tal-irtirar minħabba l-fatt li jkunu wettqu inqas minn għaxar snin servizz jistgħu jirċievu għotja għall-firda u jestendu l-possibbiltà ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar lejn skema ta' pensjonijiet oħra.

23 Fir-rigward tal-għan imfittex mir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal imwettqa mir-Regolament Nru 723/2004 billi stabbilixxa l-portabbiltà tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar bħala r-regola, peress li l-għotja għall-firda tibqa' bħala mekkaniżmu derogatorju u eċċezzjonali li għalih japplikaw kundizzjonijiet stretti, għandu jiġi indikat li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jiffavorixxi l-attrazzjoni tas-servizz pubbliku tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, is-sistema ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni, kif prevista fl-Artikolu 11 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, billi tippermetti koordinazzjoni bejn l-iskemi nazzjonali u l-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni, hija intiża sabiex tiffaċilita ċ-ċaqliq minn impjiegi nazzjonali, fis-settur pubbliku jew privat, lejn l-amministrazzjoni tal-Unjoni u sabiex b'hekk tiggarantixxi lill-Unjoni l-aħjar possibbiltajiet ta' għażla ta' persunal ikkwalifikat li diġà jkollu esperjenza professjonali xierqa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2004, My, C-293/03, EU:C:2004:821, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Huwa bil-għan li jkollu għażla ikbar fost persunal li għandu esperjenza professjonali adegwata li l-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa flessibbiltà ikbar fil-qasam tal-portabbiltà tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar fiż-żewġ direzzjonijiet, u b'hekk temm l-inċertezzi li ċerti membri tal-persunal kellhom jaffaċċjaw fir-rigward tal-possibbiltà ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom u tal-impossibbiltà li jiksbu drittijiet għal pensjoni tal-irtirar ekwivalenti.

25 Għalhekk, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà kkunsidrat, qabel ir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal imwettqa bir-Regolament Nru 723/2004, li l-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jippermetti, fil-każ ta' ritorn lejn l-iskema nazzjonali, li tiġi ttrasferita l-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar miksuba fl-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni (sentenza tad-29 ta' Ġunju 1988, Gritzmann-Martignoni vs Il-Kummissjoni, 124/87, EU:C:1988:345, punt 17), dan huwa iktar il-każ wara din ir-riforma.

26 Issa, l-interpretazzjoni restrittiva tal-kundizzjonijiet ta' portabbiltà tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar previsti fl-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, imwettqa mill-amministrazzjoni Franċiża, fis-sens li l-uffiċjal nazzjonali li eżerċita funzjonijiet għal perijodu limitat fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni jiġi rrifjutat il-portabbiltà tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar miksuba matul dan il-perijodu, tmur b'mod ċar kontra l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, li jikkonsisti f'li tiġi ggarantita flessibbiltà kbira fil-qasam tal-portabbiltà tad-drittijiet tal-pensjoni u li tippermetti l-għażla ta' persunal ikkwalifikat.

27 Minn dan jirriżulta li t-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar previst fl-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun jista' jintalab kemm mill-uffiċjali u mill-membri tal-persunal bil-kuntratt li jiġu assenjati għall-ewwel darba fis-servizz ta' amministrazzjoni nazzjonali kif ukoll minn dawk li jirritornaw hemmhekk fit-tmiem b'mod partikolari ta' tqegħid għad-dispożizzjoni jew ta' leave għal raġunijiet personali.

28 Kull interpretazzjoni oħra tal-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li ċċaħħad lil persuna bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali mid-dritt tiegħu għat-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar miksuba fl-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni, tkun inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li uffiċjal jew membru tal-persunal tal-Unjoni jista' jkollu l-kwalità ta' ħaddiem migrant fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li ċittadin tal-Unjoni li jaħdem fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu ma jitlifx il-kwalità ta' ħaddiem, fis-sens ta' dan l-artikolu, minħabba l-fatt li jokkupa impjieg ma' organizzazzjoni internazzjonali (sentenzi tas-16 ta' Frar 2006, Öberg, C-185/04, EU:C:2006:107, punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Minn dan isegwi li ċ-ċittadin tal-Unjoni li jaħdem għal istituzzjoni jew korp tagħha fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, ma jistax jiġi mċaħħad il-benefiċċju tad-drittijiet u tal-benefiċċji soċjali mogħtija lilu permezz tal-Artikolu 45 TFUE (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 25 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 45 TFUE jipprekludi kull miżura nazzjonali li, minkejja li tapplika mingħajr distinzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, tista' tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li ħaddiem jiġi mċaħħad mid-dritt għall-aggregazzjoni tal-perijodi mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni ta' diversi Stati Membri, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-perijodi mwettqa fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, jikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2013, Gardella, C-233/12, EU:C:2013:449, punt 45).

33 F'dan il-każ, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal mogħtija mill-amministrazzjoni Franċiża hija ta' natura li tisfavorixxi lill-uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat li għamlu użu mil-libertà ta' moviment tagħhom billi aċċettaw impjieg f'istituzzjoni tal-Unjoni, meta mqabbla mal-uffiċjali li baqgħu f'dan l-Istat Membru, fejn dawn tal-aħħar jibbenefikaw minn perijodu ta' kontribuzzjonijiet mhux interrott filwaqt li tal-ewwel, minħabba r-rifjut tat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar miksuba fl-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni, għandhom ibatu interruzzjoni tal-perijodi ta' kontribuzzjoni tagħhom.

34 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fir-rigward tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li, billi jirrifjuta li jieħu l-miżuri meħtieġa għat-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali jew tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba taħt l-iskema ta' pensjoni nazzjonali għall-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni, previst f'dan l-Artikolu, dan l-Istat Membru jista' jagħmel ir-reklutaġġ, mill-Unjoni, ta' uffiċjali nazzjonali li jkollhom ċerta anzjanità iktar diffiċli peress li ċaqliq bħal dan mis-servizz nazzjonali lejn is-servizz tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkollu l-effett li jċaħħadhom mid-drittijiet għal pensjoni tal-irtirar li huma jkunu intitolati għalihom jekk ma jaċċettawx li jidħlu fis-servizz tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2004, My, C-293/03, EU:C:2004:821, punt 45, u tal-4 ta' Frar 2015, Melchior, C-647/13, EU:C:2015:54, punt 26).

35 Issa, tali konsegwenzi ma jistgħux jiġu ammessi fid-dawl tad-dmir ta' kooperazzjoni u ta' assistenza leali impost fuq l-Istati Membri fil-konfront tal-Unjoni u li huwa espress fl-obbligu, previst fl-Artikolu 4(3) TUE, li jiffaċilitaw it-twettiq tal-missjoni tagħha (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2004, My, C-293/03, EU:C:2004:821, punt 48, kif ukoll id-digriet tad-9 ta' Lulju 2010, Ricci u Pisaneschi, C-286/09, mhux ippubblikat, EU:C:2010:420, punt 33).

36 Barra minn hekk, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-osservanza tar-Regolamenti tal-Persunal, li hija obbligatorja fl-elementi kollha tagħhom u direttament applikabbli, hija imposta fuq l-Istati Membri (sentenzi tal-20 ta' Ottubru 1981, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, 137/80, EU:C:1981:237, punt 7, u tal-10 ta' Mejju 2017, de Lobkowicz, C-690/15, EU:C:2017:355, punt 42), inklużi mhux biss il-qrati nazzjonali, iżda wkoll il-korpi kollha tal-Istat Membru kkonċernat, inklużi l-awtoritajiet amministrattivi (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, GRDF, C-236/18, EU:C:2019:1120, punt 35).

37 Minn dan jirriżulta li, minbarra l-effetti li r-Regolamenti tal-Persunal għandhom fl-ordinament intern tal-amministrazzjoni tal-Unjoni, huma jobbligaw ukoll lill-Istati Membri sa fejn il-kontribut tagħhom huwa neċessarju għall-implimentazzjoni tagħhom (sentenzi tal-20 ta' Ottubru 1981, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, 137/80, EU:C:1981:237, punt 8, u tat-13 ta' Frar 2019, Rohart, C-179/18, EU:C:2019:111,

punt 15 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), u l-amministrazzjonijiet nazzjonali għandhom jastjenu minn kull miżura intiża sabiex tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-opportunitajiet offruti mir-Regolamenti tal-Persunal.

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar jista' jintalab kemm mill-uffiċjali u mill-membri tal-persunal bil-kuntratt li jintegraw għall-ewwel darba amministrazzjoni nazzjonali wara li jkunu ġew impjegati f'istituzzjoni tal-Unjoni kif ukoll minn dawk li jirritornaw hemmhekk wara li jkunu eżerċitaw funzjonijiet f'tali istituzzjoni fil-kuntest ta' tqegħid għad-dispożizzjoni jew ta' leave għal raġunijiet personali.

Fuq l-ispejjeż

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasferiment tal-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar jista' jintalab kemm mill-uffiċjali u mill-membri tal-persunal bil-kuntratt li jintegraw għall-ewwel darba amministrazzjoni nazzjonali wara li jkunu ġew impjegati f'istituzzjoni tal-Unjoni kif ukoll minn dawk li jirritornaw hemmhekk wara li jkunu eżerċitaw funzjonijiet f'tali istituzzjoni fil-kuntest ta' tqegħid għad-dispożizzjoni jew ta' leave għal raġunijiet personali.

Firem